MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 33/2005

**Maria Rita xebba Scicluna**

**-vs-**

**Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici wara li ppremettiet illi l-att tat-twelid ta' l-istess Maria Rita Scicluna, hawn anness u markat bhala dokument A, huwa zbaljat taht it-tieni kolonna bl-intestatura "Il-hin, il-jum, ix-xahar u s-sena" u dana peress illi l-attrici twieldet fis-sitta u ghoxrin (26) u mhux fis-sittax (16) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u wiehed u sebghin (1971);

Talbet li din l-Onorabbli Qorti:

1. tordna l-korrezzjoni ta' l-istess Att tat-Twelid hawn fuq imsemmi billi taht it-tieni kolonna bl-intestatura "il-hin, il-jum, ix-xahar u s-sena" id-data tas-sittax (16) ta' Dicembru 1971 ghandha tinbidel bid-data tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Dicembru 1971.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ta' l-istess konvenut nomine ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

Rat illi minkejja li debitament notifikat bic-citazzjoni kif ukoll bl-appuntament ghas-smiegh id-Direttur tar-Registru Pubbliku naqas li jikkontesta t-talba u naqas li jidher ghas-seduta tal-lum.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lill-attrici tiddikjara bil-gurament illi hija twieldet fis-sitta u ghoxrin ta' Dicembru u mhux fis-sittax ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u wiehed u sebghin.

Billi jidhrilha illi t-talba ta' l-attrici hija gustifikata.

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba ta' l-attrici. Tordna l-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid ta' Maria Rita Scicluna fis-sens illi taht it-tieni kolonna bl-intestatura "Il-hin, il-jum, ix-xahar u s-sena" id-data tas-sittax (16) ta' Dicembru 1971 ghandha tinbidel bid-data tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Dicembru 1971.

Spejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------